

- min-naħa l-oħra, dawn jipprekludu li, minħabba fi klawżola standard, il-qorti għandha tqis li l-konsumatur irrikonoxxa l-eżekuzzjoni sħiħa u korretta tal-obbligi prekontrattwali ta' min isellef, peress li din il-klawżola b'dan il-mod twassal għal qlib tal-oneru tal-prova tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija obbligi b'tali mod li tippreġudika l-effettività tad-drittijiet rikonoxxuti mid-Direttiva 2008/48.
- 2) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, ma jipprekludix li l-ewalwazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur issir biss abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn dan tal-aħħar, sakemm din l-informazzjoni tkun suffiċjenti u sakemm sempliċi dikjarazzjonijiet tiegħu jkunu akkumpanjati minn dokumenti ta' sostenn u, min-naħa l-oħra, min-naħa l-oħra, li ma jorbotx lil min isellef li jivverifika sistematikament l-informazzjoni pprovduta mill-konsumatur.
- 3) L-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2008/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk ma jipprekludix lil min isellef milli jipprovidi spjegazzjonijiet xierqa lill-konsumatur qabel ma jevalwa s-sitwazzjoni finanzjarja u l-bżonnijiet ta' dan tal-aħħar, jista' jkun li l-ewalwazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur tkun teħtieġ adattament tal-isjegazzjonijiet xierqa pprovduti, liema spjegazzjonijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-konsumatur fil-ħin, minn qabel il-firma tal-kuntratt ta' kreditu, mingħajr madankollu ma jiġi redatt dokument speċifiku.

(¹) ĠU C 313, 26.10.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-18 ta' Diċembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungerija) – Ġenerali-Providencia Biztosító Zrt vs Közbeszerzési Hatóság Közbeszerzési Döntőbizottság

(Kawża C-470/13) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi — Kuntratti li ma jilħqux il-limitu previst mid-Direttiva 2004/18/KE — Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE — Applikabbiltà — Interess transkonfinali ċert — Kawżi ta' esklużjoni mill-proċedura ta' sejħa għal offerti — Esklużjoni ta' operatur ekonomiku li jkun wettaq ksur tar-regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni kkonstatat permezz ta' sentenza mogħtija inqas minn ħames snin ilu — Ammissibbiltà — Proporzjonalità)

(2015/C 065/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ġenerali-Providencia Biztosító Zrt

Konvenuti: Közbeszerzési Hatóság Közbeszerzési Döntőbizottság

Dispożittiv

L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-parteċipazzjoni f'proċedura ta' sejħa għal offerti ta' operatur ekonomiku li jkun wettaq ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, ikkonstatat minn deċiżjoni għidizzjarja li tkun kisbet is-saħħa ta' res judicata, u li minħabba fih tkun ġiet imposta fuqu multa.

(¹) ĠU C 367, 14.12.2013.